MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 19

30 ta' April 2014

Minuti tas-seduta Nru.19 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2014.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ - Raquel Cutajar – ma kinitx preżenti, peress li skadielha ż-żmien tal-kariga, minħabba li laħqet l-eta` ta' 18-il sena. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono irreġistra l-minuti tas-seduta.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 18 mingħajr emendi. Is-Segretarju ġie mitlub jippubblika l-istess minuti fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt. Is-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. *Caravans, Campers u Barbecues* qrib ix-xtut (C/4/Vol III)(B/5/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.2. tas-seduta preċedenti, fejn huwa kien aċċenna għat-tneħħija ta' *caravans* minn postijiet bħalma huma l-Bajja tal-Mistra, l-Armier eċċ. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li d-domanda għall-ipparkjar tal-*caravans* li jiġu rmunkati hija realta` li trid tiġi trattata u għalhekk jeħtieġ li jiġi identifikat post fejn dawn jistgħu jitpoġġew. Huwa għalhekk ippropona li tintuża l-art li hemm bejn it-Torri l-Abjad u l-bajja li ġġib l-istess isem. Is-Sur Buttigieg qal li ma tistax tinħoloq deskriminazzjoni bejn min diġa qed imur fil-Qortin it-Twil u minn ma jistax jiġi akkomodat hemm, minħabba nuqqas ta' spazju. Għaldaqstant, għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet f'dan is-sens.

2.1.3. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kkummenta li l-preżenza ta' *caravans*, kampijiet eċċ qed tiskoraġġixxi li wieħed jinvesti f'intrapriżi kummerċjali f'ċerti postijiet, bħalma hija l-Mistra.

2.1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa jaqbel illi għandha tinġibed l-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Artijiet dwar id-domanda li hemm, u jingħad ukoll li l-Kunsill mhux ser joġġezzjoni li tiġi allokata l-art indikata fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, sakemm din tintuża għal żmien limitat bejn l-1 ta' Ġunju u l-21 ta' Settembru.

2.1.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet għab-bażi tal-punti mressqa aktar 'il fuq.

**2.2.1. *Queen' Baton Relay* (A/5/3/Vol XIII)**

2.2.2. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti dwar l-avveniment imsemmi, li huwa ppjanat li jseħħ fil-Mellieħa fit-8 ta' Mejju 2014 għall-ħabta tas-1.30pm. Is-Sur Fenech qal li huwa kkuntattja l-parteċipanti l-aktar addattati biex jieħdu sehem, bħalma huma il-Mellieħa Athletic Club, il-Baseball Team, il-Basketball u n-Netball Teams, il-Mellieħa Sports Club, kif ukoll l-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Billi l-ġurnata ser tkun il-Ħamis, mhux ser ikun daqshekk faċli, peress li ħafna ser ikunu xogħol u għalhekk it-tfal tal-iskola ser ikunu fl-aħjar posizzjoni li jieħdu sehem. Is-Sur Fenech kompla jispjega li l-*baton* ser tkun ġejja minn Għawdex u għalhekk l-attivita` tista' tibda minn Misraħ iż-Żjara tal-Papa, fejn isiru kelmtejn mis-Sindku, u tkompli fil-Bitħa tas-Santwarju, Triq l-Inkurunazzjoni, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw, Triq il-Wied u tintemm Triq Qasam Barrani.

2.2.3. Is-Sindku qal li wara is-1.30pm ikun wasal il-ħin li tispiċċa l-iskola u għalhekk ikun diffiċli li tingħalaq Triq Qasam Barrani u/jew Triq il-Mitħna l-Ġdida. Għalhekk ikun aħjar li l-ġirja tispiċċa f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa sabiex kemm jista' jkun hemm ma jiġix affettwat it-traffiku. Is-Sur J. Buttigieg ippropona wkoll li f'din l-attivita` jieħdu sehem it-tfal tas-Sitt Sena tal-Iskola Primarja.

2.2.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk kien hemm qbil li għandu jinkiseb tagħrif dwar jekk il-Pulizija humiex ser ikopru din l-attivita`, li mhix mistennija tieħu iktar minn għoxrin minuta.

**2.3.1. Skambji ta' żgħażagħ permezz tal-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/1/Vol IV)**

2.3.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-applikazzjoni għall-proġett *Accessible Culture for All: Culture Binds European Youth with Less Opportunities* ġiet sottomessa sad-data tal-għeluq li kienet it-30 ta' April 2014.

2.3.3. Is-Sur Fenech kompla billi għarraf ukoll li mill-aħħar seduta tal-Kunsill saret stedina mill-municipalita` ta' Vecpiebalga fil-Latvia sabiex żgħażagħ mill-Mellieħa jieħdu sehem fil-proġett ieħor taħt il-programm Erasmus+ bl-isem *Act Today For a Better Tommorrow 2 Winter Edition*. Dan il-proġett huwa ppjanat li jseħħ bejn it-18 u t-28 ta' Jannar 2015, filwaqt li huwa maħsub li jkun hemm żjara f'Vecpielbalga bħala preparazzjoni għall-proġett bejn id-19 u l-21 ta' Diċembru 2014. Anke f'dan il-każ, l-applikazzjoni kienet tagħlaq fit-30 ta' April 2014, u għalhekk diġa ġiet sottomessa. Huwa fakkar li l-municipalita` ta' Vecpiebalga diġa kienet sħab fi proġetti oħra simili mal-Mellieħa.

2.3.4. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li fiż-żewġ każi l-etajiet taż-żgħażagħ iridu jkunu bejn 16 u 17 il-sena, li jiffurmaw grupp ta' ħamsa u adult biex jakkumpanjahom. Is-Sur Fenech issuġġerixxa li ż-żgħażagħ membri fil-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ għandhom jingħataw preferenza fl-għażla.

2.3.5. Is-Sindku ppropona li għandha ssir referenza għal dawn iż-żewġ proġetti fil-magazin *Mill-Qiegħa,* fejn jiġu mistiedna żgħażagħ li huma nteressati jieħdu sehem.

**2.4.1. Servizzi dwar ġbir ta' skart reċiklabbli qrib ix-xtut (K/6/11)**

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.6. tas-seduta preċedenti u għarraf li fl-14 ta' April 2014 saret laqgħa ma' uffiċjali minn Green MT Ltd is-Sinjuri Joe Attard, Philip Fenech u Marcella Agius. Attendew ukoll il-Viċi Sindku C. Bartolo, il-Kunsillier D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Is-Sur J. Buttigieg qal li Green MT Ltd huma lesti jipprovdu is-servizz tat-tbattil tal-*litter bins* intiżi għall-iskart reċiklabbli fuq ir-ramla tal-Għadira, bejn Ġunju u Settembru bi frekwenza ta' darbtejn kuljum, mit-Tnejn sal-Ħamis, u tliet darbiet nhar ta' Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd. Ma' dan lesti jiġbru l-iskart reċiklabbli mill-Għadira Caravan nhar ta' Tlieta u l-Ħamis.

2.4.3. L-uffiċjali ta' Green MT Ltd għarrfu wkoll li l-flus dovuti lill-Kunsill fuq tunnellaġġ ta' skart reċiklabbli li qabeż il-kwota stabbilita fl-2012 (€9,626) u fl-2013 (€10,598.30) kellhom inkluż magħhom l-iskart li nġabar mil-lukandi. L-istess uffiċjali offrew li l-ammont ta' €9,626 jispiċċa sabiex ikun jista' jiġi ffinanzjat is-servizz tat-tbattil tal-*bins* li hemm fuq ir-ramla. Is-Sur J. Attard (Green MT Ltd) stqarr waqt l-istess laqgħa li l-Kunsill jista' jibqa' jitlob l-ammont kollu, pero` ġibed l-attenzjoni li jista' ikun riperkussjonijiet, liema riperkussjonijiet ma ġewx speċifikati minnu. Kemm-il darba l-Kunsill jirrinunzja għas-

somma ta' €9,626, Green MT Ltd tkun disposta li tħallas il-bilanċ ta' €10,598.30 fuq perjodu ta' sitt xhur bir-rata ta' €2,000 fix-xahar, b'effett minn Ġunju 2014.

2.4.4. Green MT Ltd ikkonfermaw li ser jerġgħu jitpoġġew il-kontenituri tal-*bring-in sites* fl-inħawi tal-*boathouses* ġewwa l-Aħrax.

2.4.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jikkonċedi l-ammont dovut ta' €9,626 biex jagħmel tajjeb għas-servizz tal-*litter bins* tal-Għadira, filwaqt li għandha tibqa' issir insistenza fuq il-ħlas tal-€10,598.30. Kien hemm qbil ukoll li dan l-arranġament għandu jiġi kkonfermat bil-kitba, filwaqt li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu tkun infurmata dwaru.

## 2.5.1. Bejgħ ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (P/3/5)

2.5.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u tat rendikont dwar kemm sewa l-istampar ta' kull ktieb tal-pubblikazzjonijiet: *Dati Storiċi*; *Iż-Żija tal-Mellieħa*; u *Quest for Identity – The Mellieħa Experience,* li attwalment qed jinbiegħu mill-uffiċċju tal-Kunsill bil-prezz ta' €12.00; €6.75; u €9.00, rispettivament.

2.5.3. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu offruti lill-bejjiegħa tal-kotba billi jingħata skont ta' 25%, ossija: Dati Storiċi jinbiegħ €9.00; *Quest for Identity – The Mellieħa Experience* €9.00; *u Iż-Żija tal-Mellieħa* €6.00. Kien hemm qbil li l-pubblikazzjonijiet *Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien* u *Wartime Mellieħa-The Role of the Village in the Second World War* jitħallew bil-prezz oriġinali tagħhom ta' €14.56 u €7.00, rispettivament.

2.5.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir aktar pubbliċita` bil-mezzi disponibbli.

## 2.6.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol VIII)

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.3. u pproponiet li fl-attivita` li ser ssir f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fl-10 ta' Mejju 2014, jiġi nkluż ukoll żfin minn Kylie Vella flimkien ma' kant minn Neil Sant u Thea Gauci.

2.6.3. Dwar l-attivita` ippjanata li ssir fil-Mellieħa Holiday Centre fis-16 ta' Mejju 2014, hija pproponiet li tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żeffiena *Artemotion* u l-kantanta Karen Debattista.

2.6.4. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li tlestiet il-kartolina kbira li għandha titpoġġa fid-daħla ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa sabiex jiktbu fuqha messaġġi mill-ulied ta' ommijiet residenti fl-istess dar.

2.6.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressaq fil-minuti 2.6.3 u 2.6.4, filwaqt li ġie deċiż li l-kartolina msemmija fil-minuta 2.6.5. għandha titpoġġa fil-post fil-5 ta' Mejju 2014.

## 2.7.1. Tħejjijiet għal AvventuraSajf 2014 (E/3/4/Vol XIII)

2.7.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u għarfet li kompliet il-kuntatti dwar dan il-proġett. Hija qalet illi l-kordinatur li kien hemm fl-edizzjonijiet preċedenti – is-Sur Ralph Camilleri – wera l-intenzjoni li jieħu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena, li hija ppjanata illi tibda fl-10 ta' Lulju u tintemm fit-3 ta' Settembru bil-ħinijiet bejn it-8.30am u s-1.00pm.

2.7.3. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li l-għalliema u l-*learning support assistants* li kien hemm fl-edizzjoni 2013, għandhom jerġgħu jingħataw l-opportunita` jikkontribwixxu bħala l-ewwel preferenza, minħabba l-esperjenza li kisbu. Bħala *helpers* ġie rrakkomandat l-istess, iżda jekk ikun il-ħtieġa li jidħlu oħrajn ġodda, l-eta` tagħhom ma tkunx inqas minn ħmistax-il sena.

2.7.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li n-numru tal-klassijiet jeħtieġ li jibqa' limitat għal seba' minħabba attivitajiet oħra li jkunu għaddejjin fl-Iskola Primarja fix-xhur tas-Sajf. Il-kordinatur issuġġerixxa li fir-rigward tat-tfal tal-*kindergarten*, il-massimu li għandu jiġi aċċettat f'kull klassi huwa tmintax, filwaqt li dak ta' *Year* 2 u 3 għandu jkun ta' tnejn u għoxrin. Għaldaqstant in-numru totali ta' tfal skont l-eta` għandu jkun iffissat minn qabel.

2.7.5. Il-Kunsill approva l-proposti mresqa.

**2.8.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

2.8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 17.2. tas-seduta ta' qabel u għarraf li d-data għal din l-attivita` għandha tiġi trasferita għal nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju 2014, minħabba li fit-28 ta' Ġunju ħafna mill-bandisti jkunu mpenjati fuq servizzi oħra.

2.8.3. Il-Kunsill innota u approva l-bdil fid-data.

**2.9.1. Attrezzi fil-Klinika tal-i*Speech Therapist* tal-Gvern (M/8/Vol V)**

2.9.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.6.4. tas-seduta preċedenti u poġġa inventarju ta' attrezzi li hemm fil-berġa parti mill-kumpless ta' Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Dan tinkludi attrezzi wżati mill-i*Speech-Language Department*, li tindika liema dawk li ġew pprovduti mill-istess Dipartiment, oħrajn li huma proprjeta` personali tat-terapista, flimkien ma' dawk mixtrija mill-Kunsill.

2.9.3. Is-Segretarju kkummenta li l-attrezzi pprovduti mill-Kunsill huma logħob użat fit-terapija li l-valur tagħhom mhux materjali u għalhekk ma ddaħħlux fil-lista tal-assi permanenti miżmuma mill-istess Kunsill. Huwa ppropona li ssir lista simili fir-rigward taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

2.9.4. Il-Kunsill innota d-dokument imressaq.

2.9.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li r-residenti fin-*Night Shelter* li qed jilmentaw li l-pultruni eżistenti f'din il-faċilita` m'humiex komdi biżżejjed meta wieħed idum bilqiegħda fuqhom għal ħin twal. Hija qalet li fid-dar tal-anzjani stess jeżistu pultruni li huma iktar addattati li jiswew €280 kull waħda.

2.9.6. Il-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw tnejn mill-pultruni proposti.

**2.10.1. Trasport għall-Anzjani (A/1/2/Vol VII)**

2.10.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta preċedenti u kompla jaġġorna lill-Kunsill bin-numru ta' anzjani li jiffrekwentaw ic-Centru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha, u li għamlu użu mit-trasport matul ix-xahar ta' April 2014. Huwa għadda t-tagħrif li jidher fl-iskeda ta' hawn taħt:

| **Data (April)** | **Nru. ta' Anzjani** |
|---|---|
| It-Tlieta 1 | 7 |
| Il-Ħamis 3 | 4 |
| It-Tlieta 8 | 7 |
| Il-Tlieta 15 | 6 |
| Il-Ħamis 17 | 3 |
| It-Tlieta 22 | 5 |
| Il-Ħamis 24 | 6 |
| It-Tlieta 29 | 6 |

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Kompetizzjoni annwali bi premju intitolata *A+Accessibility Award* (P/8/4)**

2.11.2. Il-Viċi Sindku C. bartolo irrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta ta' qabel u qal li s-sottomissjonijiet li kellhom jsiru in konnessjoni mal-kompetizzjoni msemmija saru sad-data tal-għeluq fit-30 ta' April 2014.

2.11.3. Il-Kunsillier J. Attard staqsa jekk sarux is-sejħiet għall-istimi dwar il-bandla għall-persuni b'diżabilita` fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ, kif ukoll is-sejħa għall-offerti dwar it-titjib fl-aċċessibilita` fid-daħla ewlenija għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

2.11.4. Is-Segretarju wieġeb li d-dokumentazzjoni meħtieġa kienet qed tiġi miġbura u miktuba, filwaqt li l-avviżi relattivi mistennija li jiġu ppubblikati fis-6 ta' April 2014.

2.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.12.1. Ftehim mal-Kurja Arċiveskovili dwar il-*floodlighting* tal-Knisja tal-Manikata (P/4/25)**

2.12.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta ta' qabel u qal li għad trid tiġi ffissat appuntament biex jiġi ffirmat il-ftehim mal-Kurja.

2.12.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fl-ipproċessar tal-applikazzjoni li saret mal-MEPA - DN 0170/14 – irriżulta li biex jiġi nkluż il-*floodlighting* tal-kampnar jeħtieġ li ssir applikazzjoni sħiħa. Għaldaqstant huwa jirrakkomanda li l-applikazzjoni DNO għandha tibqa' għaddejja, filwaqt li ssir *full application* li tinkludi l-kampnar. B'dan il-mod ikun jista' jinbeda x-xogħol u l-proġett ma jaqax lura.

2.12.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 13/03/14 – 21/04/14;
- Skeda ta' Pagamenti – 04/04/14 – 24/04/14;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 13/03/14 – 21/04/14
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – Laqgħa dwar Proġetti Kapitali li għandhom jiġu proposti lill-Gvern Ċentrali – 05/04/14;
- Stqarrijiet Finanzjarji 2013 Riveduti

## 4.0. Korrispondenza

**4.1.1. Attivita` soċjali privata f'Misraħ il-Parroċċa - Mellieħa (A/6/3/2 Vol 46)**

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 7 ta' April 2014, mibgħut minn Ms Jessica Bianco, fejn intalab permess sabiex issir ikla għal 1,200 persuna f'Misraħ il-Parroċċa f'data li ma ġietx speċifikata f'Awwissu 2016.

4.1.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, sakemm l-funzjoni ma taħbatx ma' xi attivita` li ssir fl-istess misraħ minn sena għal'oħra.

**4.2.1. *Policy* tal-MEPA dwar l-għoli tal-bini fil-każ ta' lukandi (P/5/4/Vol II)**

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' April, mibgħut mill-MEPA fejn intqal li ġie ppubblikat dokument dwar ir-reviżjoni tal-*policy* ġdida dwar l-għoli tal-lukandi li mhumiex f'żoni skedati, 'il barra miż-żoni ndikati għall-iżvilupp, fix-xfar ta' postijiet fil-għoli, jew f'żoni ta' konservazzjoni urbana. Il-kunsill ġie mgħarraf ukoll li d-dokument imsemmi jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: www.mepa.org.mt/public-consultation, filwaqt li rappreżentazzjonijiet dwaru jiġu kkunsidrati sat-30 ta' Mejju 2014.

4.2.3. Is-Sindku kkummenta li l-esperjenza wriet illi l-għoli tal-lukandi dejjem ġab miegħu kontroversji minħabba żieda fil-konġestjoni tat-traffiku, nuqqas ta' parkeġġ, u ambjent klawstrofobiku. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-interess tar-resident għandu jiġi l-ewwel u għalhekk kull każ għandu jiġi kkunsidrat fuq il-merti tiegħu. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta li fil-parti urbana tal-Mellieħa, ikun f'loku li l-MEPA tħares aktar lejn l-iżvilupp ta' *boutique hotels* li d-daqs tagħhom ikun limitat u jkun aktar faċli li jintegraw mal-bini tal-madwar.

4.2.4. Il-Kunsillier E. Bartolo stqarr li bl-argument miġjub fil-minuta 4.2.3. ikun ifisser li m'għandiex titfassal ebda *policy*. Kompla jgħid li wieħed m'għandux jidħol fi kwistjonijiet ta' veduta, u minflok l-enfasi jeħtieġ isir biex tiġi evitata l-konġestjoni f'postijiet residenzjali, li mhux neċessarjament ikunu jinvolvu biss lukandi fiż-żona ta' konservazzjoni urbana.

4.2.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li problema ta' ċerti lukandi hija reali, fis-sens illi jekk ma jżidux in-numru ta' sodod, ma jibqgħux vijabbli. Huwa qal li biex jingħata servizz lil aktar kmamar ma jfissirx li jiżdiedu n-numru ta' ħaddiema. Huwa qal ukoll li fil-każ tal-Mellieħa l-impatt viżwali diġa jeżisti.

4.2.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li m'għandux jiżdied l-għoli ta' lukandi eżistenti f'żoni urbani, sew jekk huma fil-UCA kif ukoll jekk m'humiex.

### 4.3.1. Attivita` fir-Ramla tal-Mixquqa – *Ducati Group* (A/6/3/2 Vol 46)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' April 2014, mibgħut mill-aġent lokali tad-ditta tal-muturi Ducati, fejn talbu permess sabiex jużaw il-parkeġġ ta' fuq tar-Ramla tal-Mixquqa, bil-għan li jiġu mnedija mudelli ġodda tal-muturi Ducati, nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 2014.

4.3.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm l-attivita` tkun limitata għall-parkeġġ, filwaqt li t-toroq tal-madwar u l-aċċess għal-lukanda jibqa' miftuħ.

### 4.4.1. Twaħħil ta' tabella b'mappa (T/4/3/Vol II)

4.4.2. Inqara imejl datat 11 ta' April 2014, mibgħut minn Blues Ltd sabiex titwaħħal tabella b'mappa fil-parkeġġ ta' fuq tar-Ramla tal-Mixquqa, bil-għan li tiġi indikata t-triq lejn il-Popeye Village u postijiet oħra ta' interess.

4.4.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinġiebu permessi oħra mitluba bil-liġi.

### 4.5.1. Sessjonijiet tal-*Aerobics* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa ( E/3/3/1/11)

4.5.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għal imejl datat 22 ta' April 2014, mibgħut mill-Kunsill Malti għall-Isports dwar it-tkomplija tas-sessjonijiet tal-*aerobics* fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Fl-istess imejl il-Kunsill intalab iħallas €480 għal 16-il sessjoni li saru bejn Frar u Marzu 2014. Huwa fakkar li dan is-servizz għad hemm kont pendenti li jkopri s-sessjonijiet attwali li mistenni jintemmu f'Mejju 2014. Intqal ukoll li għadu mhux magħruf dwar jekk il-Kunsill Malti għall-Isports huwiex ser joħroġ l-iskema tal-Kunsilli Lokali għall-2014. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie mistoqsi jridx ikompli bis-sessjonijiet permezz ta' arranġament apparti mill-iskema għal tlieta jew sitt xhur oħra.

4.5.3. Il-Kunsill iddeċieda li s-sessjonijiet tal-*aeorobic* għandhom jieqfu f'Mejju 2014, sakemm isir magħruf jekk il-Kunsill Malti għall-Isports huwiex ser joħroġ l-iskema dwar l-Attivitajiet Sportivi. Din id-deċiżjoni ttieħdet ukoll fid-dawl tal-fatt li din in-nefqa ma kinitx prevista fl-Estimi 2014. Ġie osservat ukoll li minbarra s-sessjonijiet li diġa ġew iffinanzjati mill-Kunsill, kien hemm ukoll it-trasport li ġie pprovdut għall-anzjani li jiffrekwentaw iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

### 4.6.1. Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali (Z/1/Vol V)

4.6.2. Inqara imejl datat 25 ta' April 2014, fejn inġibdet l-attenzjoni li s-Sinjorina Raquel Cutajar m'għadiex eligibbli għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali peress li għalqet it-tmintax-il sena. Għaldaqstant il-Kunsill intalab sabiex jibda l-proċess ħalli tingħażel persuna oħra.

4.6.3. Il-Kunsillier P. Cutajar issuġġerixxa li għandha tinbagħat ittra lill-għaqdiet kollha bbażati fil-lokalita` sabiex jinnominaw persuna min-naħa tagħhom.

4.6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li dan is-suġġett jista' jissemma' fil-laqgħa li ser issir fis-Sala tal-Kunsill għall-għaqdiet fit-12 ta' Mejju 2014.

4.6.5. Il-Kunsill approva is-suġġeriment fil-minuta 4.6.4. u talab li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sinjorina Raquel Cutajar.

### 4.7.1. Attivita` mid-dilettanti tal-muturi (A/6/3/1 Vol 82)

4.7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-operatur ta' Billy's Bar & Restaurant għarrfu li fit-30 ta' Mejju 2014 ser jospita` fl-istabbiliment tiegħu attivita` mid-dilettanti tal-muturi. Għalhekk jeħtieġ spażju fi Triq l-Għoljiet sabiex jipparkjaw madwar 200 mutur. Huwa għalhekk talab li Triq l-Għoljiet tingħalaq għat-traffiku, bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna.

4.7.3. Is-Segretarju rrefera għall-*policy* li ġiet approvata fis-Seduta Nru. 12 tas-27 ta' Novembru 2013 dwar dan it-tip ta' permessi, u qal li l-organizzaturi għandhom japplikaw permezz tal-formola relattiva. Is-Sur C. Debono aċċenna wkoll li l-istess *policy* tipprovdi li l-Pulizija tad-Distrett jiġu kkonsultati qabel jinħareġ il-permess mill-Kunsill.

4.7.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li tinġieb *clearance* mill-Pulizija tad-Distrett.

### 4.8.1. Sewqan b'veloċita qawwija fi Triq Franġisk Sciberras (T/3/2/Vol XII)

4.8.2. Il-Viċi Sindku rrefera għal imejl datat 25 ta' April 2014, mibgħut mis-Sur Charles Downing fejn inġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm sewqan perikoluż fil-parti d-dejqa ta' Triq Dun Franġisk Sciberras. Huwa talab sabiex jiġu ntrodotti miżuri li jġiegħlu lis-sewwieqa jnaqqsu l-veloċita` f'din il-parti tat-triq.

4.8.3. Il-Kunsill iddiskuta diversi miżuri li jistgħu jiġu ntrodotti, fosthom *speed humps*, *rumble strips, speed cushions,* u *raised plateau*. Kien hemm qbil li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex tiġi addottata tal-aħħar.

### 4.9.1. Skema dwar Tagħlim Tul-il Ħajja (E/3/1/Vol III)

4.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal Memo 12/2014 tat-28 ta' April 2014, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn issejħet laqgħa fit-30 ta' April sabiex ġiet imnedija l-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-korsijiet għas-sena 2014-15. Fl-istess laqgħa hija qalet li sar emfasi sabiex il-korsijiet ma jsirux fl-iskejjel iżda f'postijiet oħra bħalma huma fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali. Dan peress li l-ambjent u l-faċilitajiet fl-iskejjel iktar jappella għat-tfal milli għall-adulti. Hija pproponiet li jsiru avviżi permezz tal-magazin *Mill-Qiegħa,* fejn jitħabbru l-korsijiet li qed jiġu offruti.

4.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u laqa' il-proposta.

### 4.10.1. *Network Group Meeting* dwar Tagħlim għall-Adulti f`Malta (E/3/1/Vol III)

4.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 8 ta' April 2014, fejn il-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa msemmija hawn fuq, li saret fit-23 ta' April 2014. Għal din il-laqgħa attendew seba' rappreżentanti minn Kunsilli Lokali, kif ukoll uffiċjali mill-MCAST u mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Fiha ġiet diskussa l-istrateġija dwar it-tagħlim għall-adulti jew kif inhi magħrufa – *16 plus*.

4.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.11.1. Kampanja *Let's do it! Malta* (T/4/6/Vol III)

4.11.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni għal imejl datat 30 ta' April 2014, mibgħut minn grupp ta' infermiera mill-Isptar Mater Dei, li jixtiequ jagħmlu tindif volontarju fir-Ramla tat-Torri l-Abjad fid-9 ta' Mejju 2014, bħala parti mill-kampanja msemmija. Huma talbu li jingħataw *skip* sabiex jitqiegħed l-iskart li jinġabar.

4.11.3. Is-Sur D. Vella għarraf ukoll li bħala parti mill-kampanja *Let's Do It! Malta*, ser isir tindif volontarju wkoll fl-Irdum tal-Madonna u madwar il-Kappella tal-Kunċizzjoni ġewwa l-Aħrax. Dan ser ikun fl-10 u l-11 ta' Mejju 2014. Il-Kunsill intalab jipprovdi *skips* anke fil-każ ta' dawn iż-żewġ attivitajiet. Kompla jgħid li l-istess iż-żewġ attivitajiet ser ikunu parti minn Jum l-Ambjent 2014, li l-attivita` ewlenija marbuta ma' dan il-jum ser issir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa fit-28 ta' Mejju 2014. Fil-każ tal-aħħar, l-għaqdiet tal-Mellieħa ser jiġu nfurmati bl-inizjattivi li qed jiġu organizzati bil-għan li jieħdu sehem huma wkoll.

4.11.4. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi l-i*skips* mitluba.

4.11.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna wkoll li bħala parti mill-kampanja *Let's Do It! Malta* ser isir tindif ukoll fl-Armier fl-4 ta' Mejju.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 25 ta' April 2014.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda mressqa li tkopri bejn l-4 u l-24 ta' April 2014. Tresqet ukoll skeda li nfieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bjn it-13 ta' Marzu u l-21 ta' April 2014.

6.3. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.lc.gov.mt.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

*"Billi ġew innutati l-kummenti li għamlu l-udituri fuq l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2013 oriġinali, li ġew sottomessi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika; u*

*Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2013 oriġinali, ġew spjegati fid-dettal waqt is-seduta Nru. 16 tas-Seba' Kunsill li saret fil-20 ta' Frar 2014;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Awditur Ġenerali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".* **(F/1/2/Vol VIII)**

7.2. Is-seduta ġiet sospiża sabiex sar intervent mis-Sur Daniel Galea li spjega t-tibdil li sar fl-istqarrijiet finanzjarji oriġinali, li ġew sottomessi għall-approvazzjoni tal-Kunsill fis-seduta Nru. 16 tal-20 ta' Frar 2014. Dan qed isir ukoll wara l-verifika li saret mill-udituri fuq l-operat tal-Kunsill matul is-sena 2013.

7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-ammont qawwi ta' deprezzament li kien hemm fuq proġetti li ġew kapitalizzati matul l-2013. Huwa qal li minn mhuwiex intiż fl-*accountancy* jieħu l-impressjoni li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mhijiex daqstant tajba, minħabba l-fattur tad-diprezzament, li finalment mhuwiex wieħed tanġibbli, imma kalkolu li jsir mill-*accountants* u jintwera bħala spiża. Is-Sur E. Bartolo qal li dan il-fattur jeħtieġ jiġi spjegat lill-pubbliku. Li huwa important hu li l-Kunsill jara li jżomm l-assi permanenti kollha li rnexxielu jiżviluppa, fi stat tajjeb ta' manutenzjoni.

7.4. Is-Segretarju kkummenta li l-fattur tad-diprezzament tidher bħala spiża, għalkemm effettivament ma tkunx saret. Mandankollu huwa important li dan il-provediment isir, peress li, kif intqal fil-minuta 7.3, l-assi permanenti jeħtieġ li ssir manutenzjoni fuqhom, li tinvolvi spiża reali. Huwa prattika normali wkoll li dawn iż-żewġ figuri jkunu jidhru fuq l-istess stqarrijiet. Huwa ġibed l-attenzjoni li dan il-fattur għadu mhux jinħass daqstant, peress illi l-assi li saru fl-aħħar tliet snin għadhom relattivament ġodda

7.5. Wara li ngħatat spjegazzjoni tal-aġġustamenti li saru wara l-eżerċiżżju tal-verifika, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/4)

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq abbozz tal-*poster* li jeħtieġ jitwaħħlu sabiex dan l-avveniment jingħata pubbliċita`. Huwa aċċenna li l-*logo* tal-Mellieħa Youths ġie nkluż fiħ peress li l-istess għaqda ser tkun involuta fil-festival f'dak li jirrigwarda bejgħ tal-ikel u kant. Id-dħul minn dan il-bejgħ ser imur b'rizq il-pellegrinaġġ tal-morda li jsir ta' kull sena lejn Lourdes.

8.3. Il-Kunsillier P. Cutajar ippropona li l-logo tal-*Blue Flag* jiġi nkluż fil-*poster*, peress li ser ikun hemm dak tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, filwaqt li l-avveniment ser ikun qrib is-Sajf.

8.4. Is-Sur C. Bartolo wieġeb li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu tidħol peress li parti mill-fondi tal-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali tikkontribwixxi għalihom l-istess awtorita`. Min-naħa l-oħra jemmen li l-logo tal-EDEN għandu jiġi nkluż, peress li jkopri l-aspetti kollha tat-turiżmu fil-lokalita`.

8.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-konferenza stampa li jeħtieġ issir qabel l-festival hija ppjanata li sseħħ fit-12 ta' Mejju 2014, iżda tista' tinbidel minħabba npenji oħra li jista' ikollu s-Segretarju Parlamentari responsibbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Stefan Buontempo.

8.6. Il-Kunsill approva l-arranġamenti proposti mill-Viċi Sindku.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Proġett "*Bringing the EU Closer to the Local Communities*" (P/10/24)

9.2. Is-Segretarju għarraf li saret sejħa' għall-offerti sabiex jingħata servizz ta' akkomodazzjoni, ikel u faċilitajiet għall-konferenza b'rabta ma' dan il-proġett. Is-sejħa tagħlaq fis-16 ta' Mejju 2014.

9.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 10.1. Titjib ta' Toroq Rurali taħt il-Miżura 125 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) (P/10/5)

10.2. Is-Segretarju għarraf li saret sejħa għall-offerti sabiex jiġu mtejba tliet toroq rurali wżati mill-bdiewa, li jinsabu fil-Qammieħ, Wied Musa u f'Ta' Msid. Is-sejħa tagħlaq fis-16 ta' Mejju 2014. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral għaddiet abbozz ta' kuntratt li jrid jiġi ffirmat bejn l-*Managing Authority* u l-Kunsill, fejn hemm stabbiliti l-kundizzjonijiet li jipprovdu għall-spiża eligibbli ta' €26,661.01, li €23,995 (90%) huma fondi ġejjin mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, €5,998.73 mill-Gvern Ċentrali u €2,661.01 (10%) mill-Kunsill. Il-Kunsill ukoll irid jagħmel tajjeb għall-VAT dovuta fuq din in-nefqa eliġibbli li tammonta għal €4,799, biex l-ispiża totali għall-istess Kunsill tiġi €7,465.

10.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 11.1. Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

11.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' ittra datata 10 ta' April 2014, l-imsieħeb ewlieni fil-proġett - Regione Sicilia – għarraf li fid-dawl tal-posizzjoni addottata mill-Wasteserv u wara laqgħa li kien hemm mal-*Managing Authority* talab li ma jsirux aktar spejjeż sabiex tiġi evitata l-possibilta` li dawn ma jiġux ċertifikati. Intqal ukoll li effettivament hemm il-possibilta` li ma jiġux rikonoxxuti spejjeż li ma kinux previsti fil-formola tal-applikazzjoni bħalma huwa l-*feasibility study* li sar mill-Kunsill fuq talba tal-Wasteserv.

11.3. Is-Sur C. Debono qal li din l-posizzjoni ġiet ribattuta min-naħa tiegħu permezz ta' imejl datat 13 ta' April 2014, fejn huwa sostna li dan huwa ferm inġust fil-konfront tal-Mellieħa, meta dan kien l-uniku msieħeb li għamel proposta konkreta biex jitrasferixxi fondi allokati lilu għaf-favur tal-Wasteserv, bil-għan li dawn ma jirtirawx. Fl-istess imejl intqal li l-*feasibility study* sar fuq talba tal-istess Wasteserv, filwaqt li saret referenza għaliħ fil-laqgħa mal-Managing Authority f'Palermo fit-12 ta' Frar 2014, kif ukoll waqt il-laqgħa tal-i*Steering Committee* li saret fil-Mellieħa fl-10 ta' Marzu 2014. Fid-dawl ta' dan kollu, intqal ukoll li wieħed jistenna li l-Imsieħeb Ewlieni għandu jagħmel kull sforz mal-*Managing Authority* biex jiġu rkuprati l-ispejjeż li saru. Is-Segretarju qal li rappreżentazzjonijiet fl-istess sens saru mal-*Funds and Programmes Division* permezz ta' imejl datat 17 ta' April 2014.

11.4. Saret referenza għall-ittra datata 23 ta' April 2014, fejn il-Kap Eżekuttiv tal-Wasteserv ta b'mod uffiċjali, ir-raġunijiet li wasluhom jirtiraw mill-proġett, liema raġunijiet saret referenza fil-minuti tas-seduta preċedenti. Is-Sur C. Debono qal li huwa nfurmat li fit-13 ta' April 2014, ser ikun laqgħa f'Palermo bejn l-*Managing Authority* u l-*Funds and Programmes Division,* fejn mistenni li jiġi diskuss x'ser isir mill-Proġett PIM EnergEthica. Is-Sur Debono qal ukoll li huwa mistenni wkoll li l-Kunsill jissejjaħ jattendi laqgħat fi Sqallija fejn irid jiġi diskuss il-futur tal-proġett.

11.5. Il-Kunsill innotta t-tagħrif mogħti.

### 12.1. Proposti lill-Gvern Ċentrali dwar Proġetti Kapitali (P/4/32)

12.2. Is-Sindku rrefera għall-minuti tal-laqgħa li saret bejn il-Kunsillieri kollha fil-5 ta' April 2014, dwar is-suġġett t'hawn fuq. Il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi punti jitqajmu minn dawn il-minuti.

12.3. Is-Sur J. Buttigieg beda billi rrefera għall-paragrafu 4.3. u ġibed l-attenzjoni li kemm-il darba ssir triq ġdida minn wara r-riżerva tal-għasafar, għandu jiġi identifikat sit alternattivat għall-Għadira *Caravan Site*.

12.4. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li l-paragrafu 4.5. dwar it-triq bejn San Pawl il-Baħar u l-Mellieħa, għandu jiġi spussjat għal wara dak bin-numru 4. Huwa rrefera wkoll għall-paragrafu 4.6. dwar it-titjib tat-triq tal-Għadira permezz tal-programm *Trans European Networks* (TEN-T). Is-Sur E. Bartolo kkummenta li fl-istess paragrafu ngħatat l-impressjoni li l-Kunsill kien qed jiffavorixxi l-għażla li t-triq eżistenti titneħħa u ssir oħra fuq il-pilastri li ssegwi l-istess rotta ta' dik eżistenti, mentri fil-fatt l-għażliet tħallew kollha miftuħa. Huwa għalhekk ippropona li dan il-paragrafu jinqara hekk:

*"4.6. Rigward il-proposta sabiex it-triq tal-Għadira tinbena mill-ġdid fuq il-pilastri fuq ir-rotta eżistenti, il-Kunsill jipproponi li d-deċiżjoni dwar dan għandha tittieħed wara li jsiru l-istudji meħtieġa, bil-għan li tkun tista' issir evalwazzjoni tal-aspetti kollha nvoluti, u hekk jiġi minimizzat l-effett ambjentali. Fosthom għandha tittieħed in konsiderazzjoni r-riġenerazzjoni tar-ramla, wara li saret it-triq eżistenti, li qatgħet il-bajja minn maż-żona tar-riżerva. Kemm-il darba jkun hemm raġunijiet biżżejjed li tintgħażel il-proposta li ssir t-triq ġdida kompletament li tgħaddi minn wara r-riżerva tal-Għadira, għandu jiġi ndikat sit alternattiv għall-Caravan Site tal-Għadira. Flimkien ma' dan il-proġett għandu wkoll jiġi mtejjeb u kkontrollat l-parkeġġ eżistenti, bejn il-Costa del Sol Lido u l-Mellieħa Bay Hotel.".*

12.5. Il-Kunsill qabel mat-tibdil propost fil-minuti tal-laqgħa tal-5 ta' April 2014, kif ukoll li l-eżitu` tal-istess laqgħa għandu jiġi komunikat lis-Segretarju tal-Kabinett. Kien hemm qbil ukoll li diskussjonijiet sussegwenti fuq dan is-suġġett għandhom jinvolvu l-Kunsill kollu.

## 13.1. Jum l-Ewropa 2014 (A/5/3/Vol VIII)

13.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li fit-8 ta' Mejju ser jitfakkar Jum l-Ewropa fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa, bil-kollaborazzjoni ma' JEF Malta (*Jeunes Européens Federalists* – Żgħażagħ Federalisti Ewropej). Il-JEF ipproponew illi jattendu xi kandidati li ser jikkontestaw l-elezzjoni għall-Parlament Ewropew. Hija qalet li l-membri tal-JEF ser jagħmlu taħdita dwar l-Unjoni Ewropea u logħob għat-tfal tal-*Years* 1 u 2, bejn l-10.00am u nofsinhar.

13.3. Il-Kunsill ma qabilx li għandhom jiġu mistiedna l-kandidati li ser jikkontestaw l-elezzjoni, minħabba n-numru nvolut, kif ukoll billi l-post huwa skola. L-*items* l-oħra proposti fil-minuta 13.2. ġew approvati.

## 14.1. Talbiet għal *sponsorship* ta' attivitajiet sportivi (S/6/Vol IV)

14.2. Is-Sindku aċċenna li qed ikun hemm pressjoni sabiex il-Kunsill jgħin finanzjarment biex jittellgħu attivitajiet minn għaqdiet sportivi li qed jużaw il-faċilitajiet fil-Park tal-Familja. Is-Sur J. Buttigieg qal li dawn jirrikjedu spejjeż kbar biex ikunu ndukrati, jinżammu fi stat tajjeb u jitħallas l-konsum tal-elettriku u l-ilma. Kompla jgħid li mhux aċċettabbli li għaqdiet ibbażati fil-Mellieħa jagħmlu dawn it-tip ta' talbiet, meta dawn ma jintalbu ebda kontribuzzjoni għas-servizz li jingħataw permezz tal-faċilitajiet fil-Park tal-Familja.

14.3. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal mill-Bord tat-Tmexxija tal-Park u/jew mill-istess Kunsill bil-għan li titfassal *policy*.

## 15.1. *Policy* dwar iż-żjarat fid-djar tal-anzjani (A/1/2/Vol VII)

15.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li d-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani u Kura fil-Komunita` introduċa *policy* ġdida sabiex tirregola ż-żjarat fid-djar tal-anzjani, kif ukoll jittrattaw x'inhu permess li jsir waqt l-istess żjarat fis-sezzjonijiet diversi tal-kumplessi konċernati. Huwa qal li qed jippreżenta dan id-dokument, peress li minn żmien għal żmien, il-Kunsill jorganizza attivitajiet f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

15.3. Il-Kunsill iddeċieda li d-dokument imsemmi għandu jiġi mgħoddi lill-kunsillieri kollha.

## 16.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa li jmiss issir fit-22 ta' Mejju 2014 u tkun tinvolvi r-raħal tal-Qrendi, fejn ser issir laqgħa mas-Sindku David Schembri.

16.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 17.1. Pubblikazzjoni ta' ktieb dwar it-Tunnara (P/4/5/2)

17.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini pproponiet li l-pubblikazzjoni li jmiss fis-sensiela Ħannieqa Kotba Melleħin, ikun ktieb dwar l-industrija tat-tunnara kif kienet tiġi pprattikata fil-Mellieħa. Hija qalet li s-Sur David Muscat diġa għamel riċerka fuq dan is-suġġett u għandu l-materjal kollu lest biex jiġi stampat. Ir-riċerka li saret tkopri bejn iż-żmenijiet tan-nofs u s-snin sittin tas-seklu għoxrin. L-isem propost tal-ktieb huwa *Tal-Mellieħa it-Tonn.*

17.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jitkomplew il-kuntatti mas-Sur Muscat, bil-għan li l-ktieb ikun jista' jiġi ppubblikat fl-2015.

## 18.1. Korsijiet għat-tfal matul il-perjodu tas-Sajf (E/3/1/Vol III)

18.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li hemm għalliema nteressati li jagħtu lezzjoni f'suġġetti bħalma huma il-fiżiċa, Malti u Ingliż matul ix-xhur tas-Sajf fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Hija staqsiet dwar jekk hemmx oġġezzjoni għal dan. Fil-każ tal-Malti u l-Ingliż il-lezzjonijiet ikunu fil-livell primarju.

18.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm il-ħlas mitlub ikun magħruf u raġġjonevoli.

### AĠĠORNAMENT

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 19 ta' Mejju 2014 fis-7.30pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**